Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

19 ta' April 2024

# Żjara mis-Sa Mariana Kotzeva, DĠ tal-Eurostat

Fit-18 u d-19 ta' April 2024, is-Sa Mariana Kotzeva, Direttur Ġenerali tal-Eurostat, żaret l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika għal taħditiet dwar l-istatistika uffiċjali u biex tkun enfasizzata l-importanza tal-kollaborazzjoni fl-indirizzar tal-ħtiġijiet li ġejjin fl-istatistika mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u l-imseħbin tiegħu.

Din hija opportunità tajba ħafna biex l-NSO jidħol f'taħditiet magħha dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni bejn il-pari u dwar modi kif dawn ikunu indirizzati fuq perjodu ta' minn żmien qasir sa medju. Iż-żjara tas-Sa Kotzeva tagħti lill-NSO u lill-imseħbin tiegħu opportunità unika biex jiksbu għarfien direttament mingħand Eurostat u jsaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom mal-organizzazzjoni. L-għarfien espert u l-gwida tagħha jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-isforzi tagħna biex intejbu l-kwalità u l-fiduċja fl-istatistika uffiċjali ta' Malta. L-NSO jemmen li l-kollaborazzjoni tiegħu ma' Ms. Kotzeva juri l-impenn ta' Malta għal statistika uffiċjali mill-aqwa.

Matul iż-żjara tagħha, is-Sa Kotzeva ltaqgħet mal-Ministeru għall-Finanzi, il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta u l-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi.